



Brussell, 4 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9015/23

DEVGEN 82
ACP 29
RELEX 547
SUSTDEV 70

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Mejju 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8123/23
Suġġett:	Il-korruzzjoni bħala ostaklu għall-iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Mejju 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-korruzzjoni bħala ostaklu għall-iżvilupp, kif approvati mill-Kunsill fit-3946 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Mejju 2023.

Il-korruzzjoni bħala ostaklu għall-iżvilupp**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-korruzzjoni hija problema soċjali, politika, ta' sigurtà u ekonomika kumplessa u persistenti li taffettwa lill-pajjiżi u r-reġjuni kollha fid-dinja, inkluż l-Ewropa. L-impatt ekonomiku negattiv tagħha huwa stmat li huwa ekwivalenti għal disa' darbiet l-għajnuna uffiċjali globali għall-iżvilupp. Il-korruzzjoni ddgħajef id-demokrazija, il-fiduċja fl-istituzzjonijiet, l-istat tad-dritt u r-realizzazzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem. Din taħtaf l-istati, timmina l-leġittimità tal-istat, il-ġbir tat-taxxi u l-għoti ta' servizzi pubbliċi u tfixkel is-swieq li jiffunzjonaw, u b'hekk timpedixxi b'mod effettiv l-oqsma kollha ta' żvilupp uman, ekonomiku u soċjali sostenibbli. Il-korruzzjoni hija ostaklu ewlieni għall-qerda tal-faqar peress li tolqot l-aktar lill-foqra, u lill-persuni u l-gruppi fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli. Din taggrava l-inugwaljanzi u taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa, lill-bniet u lill-persuni b'diżabbiltà. Barra minn hekk, il-korruzzjoni tappoġġa l-eżistenza ta' kriminalità organizzata u għandha impatt negattiv fuq is-sigurtà u l-istabbiltà f'kull livell. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari is-Sittax il-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, il-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp, u l-Istrument NDICI-Ewropa Globali lkoll jindirizzaw il-korruzzjoni bħala ostaklu għall-iżvilupp sostenibbli.
2. Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet pressjoni fuq ir-riżorsi u affermat mill-ġdid l-importanza ta' sorveljanza effettiva tan-nefqa pubblika. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna kkontribwiet għal kriżi dinjija tal-ikel u tal-enerġija. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota l-urġenza akbar li jiġi adottat approċċ ta' gvern sħiħ għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kull meta u kull fejn isseħħ, biex jiġi żgurat li l-appoġġ jilħaq lil dawk l-aktar fil-bżonn u jintuża bl-aktar mod effiċjenti.

3. Il-Kunsill japprezza l-kontributi sinifikanti mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tal-azzjoni esterna tal-UE. Dan jinkludi permezz ta' programmi bilaterali u regionali, appoġġ għal sistemi mtejbja ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. Il-Kunsill ifakkar fid-diskussjonijiet li għaddejjin dwar għodod oħra possibbli biex jindirizzaw il-korruzzjoni globalment.
4. Il-Kunsill jenfasizza li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-promozzjoni tal-valuri demokratiċi u standards għoljin, u l-iżgurar ta' governanza tajba u trasparenza, huma partijiet integrali tal-kooperazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri mal-pajjiżi sħab kollha u l-prinċipji gwida ewlenin tal-Global Gateway.
5. Il-Kunsill jissottolinja li l-korruzzjoni hija waħda mill-ostakli mhux tariffarji l-aktar għaljin għall-kummerċ dinji, b'mod partikolari għall-pajjiżi b'introjtu baxx u medju inferjuri, u wieħed mill-ostakli ewlenin għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għan-negozju u l-investiment. Il-kummerċ u l-investimenti privati jistgħu jsaħħu l-inċentivi biex titnaqqas il-korruzzjoni billi jinkoraġġixxu sistema kummerċjali miftuħa, sostenibbli u bbażata fuq ir-regoli, u soluzzjonijiet innovattivi ta' finanzjament.
6. Il-Kunsill jinnota li l-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u t-tixħim internazzjonali jikkostitwixxu parti konsiderevoli mill-flussi finanzjarji illeċiti. Għalhekk, l-infurzar ta' aktar trasparenza tas-sjieda tal-kumpaniji, l-appoġġ għall-isforzi biex jiġu traċċati, iffriżati u rkuprati assi misruqa u jissaħħu r-reġimi kontra l-ħasil tal-flus kif ukoll it-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja u r-regoli dwar l-inkompatibbiltajiet u l-kunflitti ta' interess, il-lobbying, u r-revolving doors huma elementi importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi inkorporata perspettiva b'saħħitha kontra l-korruzzjoni fl-isforzi kollha għall-iżvilupp, u setturi interkonnessi bħas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjiegi, is-sigurtà tal-enerġija u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Dan huwa partikolarment kruċjali fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u f'kuntesti fejn il-korruzzjoni hija mifruxa u identifikata bħala restrizzjoni ewlenija għall-iżvilupp sostenibbli, bħall-kunflitti u l-kriżijiet, l-akkwist, l-industriji estrattivi, u proġetti infrastrutturali fuq skala kbira.

8. Il-Kunsill jilqa' l-evalwazzjoni reċenti tal-appoġġ tal-UE għall-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'pajjiżi sħab mill-2010-2021, li ttiprovdi bażi f'waqtha għal approċċ aktar ambizzjuż u komprensiv ta' Tim Ewropa biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni. Il-Kunsill jinnota b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet biex jiġi elaborat qafas unifikat u komprensiv kontra l-korruzzjoni li jiġi integrat fis-setturi kollha, u jtejjeb il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-akkontabbiltà u t-tagħlim. Il-Kunsill jissottolinja li l-integrazzjoni tal-isforzi kontra l-korruzzjoni tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini billi tiżgura aċċess ugwali għal servizzi vitali, tnaqqas l-inugwaljanza u tippromwovi governanza responsabbli u inklużiva.
9. B'kont meħud ta' dan, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jieħdu approċċ tal-UE aktar strateġiku u integrat biex jipprevjenu u jindirizzaw il-korruzzjoni bħala ostaklu għall-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli. Dan għandu jinkludi l-elaborazzjoni u d-distribuzzjoni rapidi ta' gwida aġġornata dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-azzjoni esterna tal-UE. Il-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Korruzzjoni, il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin fi Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali, ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD għall-Ġlieda Ulterjuri kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali tal-2021 u r-Rakkomandazzjoni tal-OECD għal Atturi tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp dwar il-Ġestjoni tar-Riskju ta' Korruzzjoni tal-2016, kif ukoll standards internazzjonali u Ewropej oħra, għandhom iservu bħala punti ta' riferiment importanti f'din il-ħidma.
10. Il-Kunsill jenfasizza li l-approċċ għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem huwa għodda importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni li għaliha huma impenjati kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha, f'konformità mal-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp u kif minqux fir-Regolament NDICI-Ewropa Globali. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza li jiġu implimentati l-prinċipji ta' kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp, li tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' prattiki ta' korruzzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż permezz tal-għarfien espert tas-settur pubbliku, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika u l-kondiviżjoni tal-għarfien.

11. Il-Kunsill jissottolinja li l-isforzi mġedda biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni għandhom ikunu bbażati fuq djalogu b'rispett reċiproku, proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet inklużivi, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, filwaqt li jiffokaw fuq impatt fit-tul ibbażat fuq analiżi tal-ekonomija politika tal-kuntasti lokali u l-muturi ewlenin tal-korruzzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li jiġu integrati t-tagħlimiet meħuda minn approċċi ta' suċċess kontra l-korruzzjoni fl-oqsma kollha tas-sħubiji, abbażi tal-evidenza u l-aħjar prattiki, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza politika fil-livelli kollha u l-koordinazzjoni mal-istrateġiji tal-Istati Membri kontra l-korruzzjoni.
12. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji innovattivi u effettivi biex tissaħħaħ it-trasparenza u jitnaqqas ir-riskju ta' korruzzjoni. Dan jinkludi sforzi lejn it-trasformazzjoni diġitali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini, l-iżvilupp ta' sistemi esterni diġitali, indipendenti u awtonomi tal-informaturi, kif ukoll is-sistemi ta' governanza elettronika u tal-akkwist elettroniku. Dawn l-isforzi għandhom jiżdiedu fejn xieraq, filwaqt li jiġu żgurati salvagwardji għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-privatezza.
13. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE, u lill-Istati Membri biex jaħdmu aktar mill-qrib flimkien fi spirtu ta' Tim Ewropa biex jippromwovu l-governanza tajba u jindirizzaw il-korruzzjoni bħala ostaklu għall-iżvilupp, inkluż permezz ta' Inizjattivi ta' Tim Ewropa, il-Global Gateway u djalogu politiku msaħħaħ mal-pajjiżi sħab. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari l-inizjattiva globali ta' Tim Ewropa Demokrazija, bl-enfasi tagħha fuq l-istat tad-dritt u r-responsabbiltà.
14. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi biex jiġu indirizzati l-flussi finanzjarji illeċiti (IFFs), inkluż il-fondi miksuba permezz ta' prattiki korrotti. Jeħtieġ li jkun hemm sforzi biex jiġu indirizzati l-flussi finanzjarji illeċiti fil-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll fil-pajjiżi ta' tranżitu u ta' destinazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-ħidma li għaddejja mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-Inizjattiva ta' Tim Ewropa biex tappoġġa lill-Afrika fil-Ġlieda kontra l-Flussi Finanzjarji Illeċiti u l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.
15. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jaġġornawh regolarment dwar il-progress billi jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' rapportar eżistenti jinkludu miżuri tal-UE li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-korruzzjoni f'sens wiesa'.

16. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol kruċjali tal-istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż l-istituzzjonijiet indipendenti tal-awditjar, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-atturi multilaterali, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, l-informaturi, il-media u l-entitajiet tas-settur privat fit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà kontra l-korruzzjoni u fil-kisba tal-oġettivi hawn fuq.
